MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 89/2005

**Maltacom plc C 22334**

**vs**

**Joeline Aquilina (ID 106381M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-11 ta' Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm174.31) rapprezentanti kont ta' servizz rez telefoniku bin-numru 21490538 installat fil-fond Binja Vista Ent 1 Flat 1 Triq G Dimech Debono B'kara kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok A Dok B u Dok C u dana stante li l-konvenuta kienet giet interpellata inutilment;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-27 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti u kif ukoll I n-nota prezentata fis-27 ta’ Ottubru 2005 fejn is-socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha ghal mija u erbatax-il lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm114.31).

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba kif ridotta ta’ mija u erbatax-il lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm114.31) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------